



Kumitat għall-Baġits

2018/1037(INI)

25.4.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja
(2018/1037(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nedzhmi Ali

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija waħda mill-politiki l-aktar integrati fl-Unjoni, u ssodisfat waħda mill-oġettivi oriġinali tagħha li żżid il-provvista tal-ikel, billi appoġġjat lill-bdiewa Ewropej u wieġbet għat-talbiet taċ-ċittadini fir-rigward tas-sigurtà u s-sikurezza, u l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-ikel; billi hemm sfidi ġodda quddiemna, marbuta b'mod partikolari mat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; billi huwa importanti li l-PAK tkun allinjata mal-Ftehim ta' Pariġi u ma' ftehimiet internazzjonali oħra li jipproteġu l-klima u l-ambjent;
- B. billi huwa meħtieġ li jiġi żgurat appoġġ għall-bdiewa ġenwini filwaqt li jitkompla l-appoġġ lil benefiċjarji li għandhom flussi ta' produzzjoni u ta' introjti diversifikati, wara deċennji ta' sinjali ta' politika li rakkomandaw li jsir dan, u li tingħata prijorità lill-azjendi tal-biedja żgħira u li dawn jiġu ppremjati għad-diversi prodotti pubbliċi li jagħtu lis-soċjetà, filwaqt li jiġi żgurat tqassim ġust tal-appoġġ bejn l-azjendi agrikoli ta' daqsijiet differenti; billi huwa importanti li l-ekonomiji reġjonali jissaħħu u li tiġi appoġġjata agrikultura modernizzata u sostenibbli fl-UE li twettaq xogħol b'mod ekonomiku, ambjentali u soċjali, sabiex tippromwovi sistemi agrikoli varjati, speċjalment azjendi agrikoli tal-familja; billi huwa essenzjali li tiġi żgurata produzzjoni agrikola fil-partijiet kollha tal-UE, inkluż f'żoni b'limitazzjonijiet naturali, u li jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri kollha;
- C. billi hemm diverġenza bejn l-introjtu fis-settur agrikolu u f'setturi oħra tal-ekonomija, bl-introjtu agrikolu li huwa volatili ħafna; billi hemm riskju li l-artijiet f'żoni b'restrizzjonijiet naturali jiġu abbandunati; billi jenħtieġ li jkun hemm biżżejjed investiment fir-ristrutturar tal-azjendi agrikoli, fil-modernizzazzjoni, fl-innovazzjoni, fid-diversifikazzjoni u fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda;
- D. billi skont id-dokument ta' tgħarrif tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri minn Marzu 2018 dwar il-futur tal-PAK, fl-2010, għal kull 100 manijer ta' azjendi agrikoli li għandhom aktar minn 55 sena, kien hemm 14-il manijer ta' azjendi agrikoli li għandhom anqas minn 35 sena, figura li niżlet għal 10.8 manijers fl-azjendi agrikoli fl-2013; billi l-età medja tal-bdiewa fl-UE żdiedet minn 49.2 għal 51.4 sena matul il-perjodu 2004-2013; billi l-iżgħar azjendi agrikoli huma l-aktar ta' spiss dawk ta' bdiewa aktar anzjani;
- E. billi, minħabba l-piż amministrattiv eċċessiv tas-sistema ta' kontroll u verifika, u s-sovrappożizzjonijiet bejn il-pilastru I u II, huwa importanti li ssir simplifikazzjoni tal-PAK, li jitnaqqas il-piż amministrattiv globali tagħha, li jittejjeb il-valur tagħha għall-flus li jintefqu u li ssir trasparenti, mingħajr ma tikkomprometti l-għanijiet politiċi ambizzjużi tagħha; billi jekk tinqata' l-burokrazija żejda, ir-riżultati tal-ekoloġizzazzjoni jenħtieġ li jittejjbu u jenħtieġ li tingħata aktar għajjnuna effettiva lill-bdiewa kollha biex jadattaw is-sistemi agrikoli tagħhom sabiex jilqgħu għall-isfidi ambjentali u klimatiċi;
- F. billi kif tispjega l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja, il-PAK tal-ġejjieni se tistabbilixxi parametri tal-politika bażiċi, u l-Istati Membri, kemm

jekk fil-livell nazzjonali kif ukoll reġjonali, se jkollhom bżonn juru responsabbiltà akbar kif jissodisfaw l-oġettivi, sabiex iżommu kundizzjonijiet ekwi, jevitaw distorsjoni tas-suq u jiksbu l-għanijiet stabbiliti fil-livell tal-UE; billi l-mudell tal-implimentazzjoni tal-PAK tal-ġejjieni jenħtieġ li jiġi xprunat mir-riżultati fir-rigward tal-effiċjenza fir-riżorsi, il-ħarsien tal-ambjent u l-azzjoni klimatika;

1. Jenfasizza li l-PAK jenħtieġ li tibqa' politika komuni tal-UE, u li tista' twettaq l-oġettivi tagħha biss jekk tkun iffinanzjata b'mod suffiċjenti; jitlob, għalhekk, li l-baġit tal-PAK jinżamm tal-anqas fil-livell attwali tiegħu għall-UE-27 bi prezzijiet kostanti fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss ta' wara l-2020, sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet ta' PAK riveduta u effiċjenti;
2. Jissottolinja li l-PAK jenħtieġ li tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli tas-settur agrikolu, li huwa kruċjali biex jipprovdi ikel sikur, impjiegi u tkabbir fiż-żoni rurali, kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; jinnota li approċċi effikaċi ta' awditu u kontroll se jkollhom jiġu segwiti biex jiġi żgurat li l-mudell ġdid ta' implimentazzjoni f'PAK riformata jħalli riżultati fejn jidħlu l-kriterji ambjentali u soċjali sabiex is-settur ikun jista' jilħaq sostenibbiltà akbar sal-2030;
3. Jilqa' l-intenzjoni li tiġi simplifikata u modernizzata l-PAK; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-funzjonijiet ta' kontroll u ta' verifika finanzjarji u tal-prestazzjoni jitwettqu bl-istess standards għoljin ta' titjib kontinwu fl-Istati Membri kollha fir-rispett sħiħ tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' flessibbiltà; jenfasizza li jeħtieġ li l-Istati Membri jingħataw biżżejjed kompetenzi biex jiddeċiedu dwar il-kontenut, il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sanzjonijiet tal-iskemi ta' appoġġ applikabbli fit-territorji tagħhom, iżda jenfasizza li kwalunkwe simplifikazzjoni jew modernizzjoni tal-PAK ma tistax tbaxxi l-livell ta' ambizzjoni tal-UE, u la ma tista' twassal għas-settorjalizzazzjoni tal-politiki u tal-programmi tal-UE, u lanqas ma tista' tissostitwixxi l-għotjiet bi strumenti finanzjarji;
4. Jinsisti fuq approċċ ibbażat fuq ir-riżultati rigward il-pagamenti; jipproponi, għalhekk, l-inklużjoni ta' indikaturi dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:
 - li jinżammu u jinħolqu l-impjiegi f'dan is-settur;
 - li jinżammu l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;
 - is-saħħa u l-bijodiversità tal-ħamrija, ir-rikkezza ta' speċijiet u gruppi tassonomiċi;
 - il-protezzjoni tal-ħamrija tal-wieċ u l-ħolqien, ta' kopertura tal-ħamrija kontra l-erożjoni;
 - it-tnaqqis fit-telf tan-nutrijenti u t-titjib fil-kwalità tal-ilma;
 - il-bijodiversità inklużi r-rikkezza u l-abbundanza tal-ispeċijiet ta' għasafar, dakkara selvaġġi u insetti;
 - it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi u l-adozzjoni ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara (IPM)¹;
5. Jopponi kwalunkwe rinazzjonalizzazzjoni jew kwalunkwe kofinanzjament nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri, li trid tqis indiċijiet soċjoekonomiċi affidabbli u l-ispejjeż differenti tal-produzzjoni, sabiex id-distakki bejn ir-reġjuni differenti tal-Unjoni jingħalqu fil-QFP li jmiss; ifakkar

¹ Skont id-Direttiva (2009/128/KE) dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi u l-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) 1107/2009.

li huwa kruċjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali għall-bdiewa kollha fl-UE, filwaqt li tqis il-vulnerabbiltajiet u l-ispeċifitàjiet tal-ekonomiji ta' skala żgħira; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tiġi riformata r-riżerva agrikola ta' kriżi u li jizjed il-finanzjament skont ir-risposti lid-diversi kriżijiet ċikliċi f'setturi sensittivi, li jinħolqu strumenti ġodda li jistgħu jtaffu l-volatilità tal-prezzijiet u li jizjedu l-finanzjamenti għall-Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI);

6. Jenfasizza li l-appoġġ tal-PAK għall-iżvilupp rurali jipprovdi opportunitajiet biex l-Istati Membri kollha jtejbu l-kompetittività tagħhom, jipromwovu ekonomiji effikaċi u sostenibbli u jrawmu l-iżvilupp taż-żoni rurali, fejn huwa vitali li tiġi indirizzata d-depopolazzjoni, il-qgħad u l-faqar u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jitkompla l-finanzjament għall-miżuri tal-iżvilupp rurali u li jissaħħaħ it-tieni pilastru tal-PAK; japprova f'dan il-kuntest il-prinċipji tal-metodu Leader, peress li qed irawwem innovazzjoni, sħubijiet u networking f'żoni rurali;
7. Jemmen li l-istabbiliment ta' limitu fuq il-pagamenti diretti – "iffissar ta' limitu massimu" – jenħtieġ li ma jitħalliex għad-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru, iżda jrid jiġi stabbilit fil-livell Ewropew;
8. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' pagamenti digressivi sabiex inaqqsu l-appoġġ għall-azjendi tal-biedja kbar u li l-enfasi tinqaleb lejn pagamenti ridistributtivi, sabiex ikun jista' jingħata aktar appoġġ b'mod immirat (eż. lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju);
9. Jenfasizza li l-qbil u l-applikazzjoni ta' definizzjoni tajba tal-valur miżjud tal-UE jkunu ta' benefiċċju għad-dibattitu pubbliku u għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-infiq futur tal-UE; jagħti l-appoġġ tiegħu lill-bidla lejn aktar biedja effiċjenti u lejn valur miżjud tal-UE, iżda jwissi kontra kwalunkwe tentattiv ta' użu ta' tali definizzjoni sabiex titqiegħed f'dubju r-rilevanza tal-politiki u l-programmi tal-UE fuq kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi kwantitattivi jew ta' terminu qasir; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli, u li jiġu żviluppati żoni rurali u protezzjoni tal-klima u tal-ambjent permezz ta' politika agrikola bbażata fuq il-kisba ta' miri ta' prestazzjoni; jinnota li, sabiex jingħata valur miżjud, irid ikun hemm eżiti, riżultati u impatti definiti, u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jaqblu fuq indikaturi bbażati fuq l-evidenza qabel jistabbilixxu l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali tagħhom għal monitoraġġ sussegwenti u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni;
10. Jitlob li jkun hemm sinerġiji akbar bejn politiki li jrawmu l-iżvilupp rurali u dawk imfassla biex jappoġġjaw l-integrazzjoni tar-rifuġjati;
11. Jitlob, skont il-prinċipju tal-effiċjenza baġitarja, li jkun hemm koerenza u sinerġiji aħjar bejn il-PAK u l-politiki l-oħra kollha tal-UE u impenji internazzjonali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, il-provvista tal-ilma, l-użu tal-art, il-bijodiversità u l-ekosistemi, u fl-iżvilupp ta' żoni remoti u muntanjużi;
12. Jitlob aktar appoġġ għall-farms ġestiti minn familji u għall-bdiewa żgħażaġh u għal appoġġ għal impjeg fl-agrikoltura fiż-żona rurali, speċjalment għall-bdiewa żgħażaġh;
13. Jenfasizza li l-enfasi fil-futur tal-biedja jenħtieġ li ssir fuq il-produzzjoni ta' ikel ta'

kwalità għolja, peress li l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa jinsab hawnhekk; jisħaq li l-istandards tal-UE jridu jinżammu u jissaħħu fejn dan ikun fattibbli; jitlob li jittieħdu miżuri biex ikun hemm aktar tkabbir fil-produttività fit-tul u l-kompetittività tas-settur tal-produzzjoni tal-ikel, u li jiġu introdotti teknoloġiji ġodda u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, biex b'hekk jissaħħa ir-rwol tal-UE bħala mexxejja dinjija;

14. Jikkunsidra li huwa inaċċettabbli li jkun hemm differenzi fil-kwalità bejn prodotti tal-ikel li huma rreklamati u ddistribwiti fis-suq uniku taħt l-istess marka kummerċjali u bl-istess imballaġġ; jilqa' l-inċentivi tal-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni tal-kwalità doppja tal-ikel fis-suq uniku, inkluża l-ħidma tiegħu fuq metodoloġija komuni tal-ittestjar;
15. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw il-volatilità sinifikanti tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli u biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' għodod ta' "ġestjoni tar-riskju", peress li jgħinu biex jiproteġu l-introjti tal-bdiewa.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.4.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Inese Vaidere, Monika Vana, Tiemo Wölken, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Denanot, Anneli Jäätteenmäki, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Tomáš Zdechovský

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez, Anneli Jäätteenmäki
GUE/NGL	Liadh Ní Riada
PPE	Richard Ashworth, Reimer Böge, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Ivana Maletić, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský
S&D	Jean-Paul Denanot, Eider Gardiazabal Rubial, John Howarth, Vladimír Maňka, Răzvan Popa, Manuel dos Santos, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Monika Vana

2	-
ECR	Bernd Kölmel
ENF	André Elissen

1	0
ENF	Marco Zanni

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni